**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Settembru 2007 (Każ R 1285/2006-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn De Francesco Import GmbH u Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Spa Monopole, compagnie fermière de Spa SA/NV hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 37, 9.2.2008

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2009 — Michail vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-49/08 P)** (1)

***("Appell — Appell inċidentali — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Proċedura ta' evalwazzjoni 2003 — Attribuzzjoni ta' punt ta' mertu fin-nuqqas ta' kompiti li għandhom jitwettqu — Danni morali — Obbligu ta' motivazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku")***

(2010/C 11/48)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellant:* Christos Michail (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: C. Meïdanis, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u K. Herrmann, aġenti, assistiti minn E. Bourtzalas, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Novembru 2007, Michail vs Il-Kummissjoni (F-67/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *Is-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Novembru 2007, Michail vs Il-Kummissjoni (F-67/05, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), hija annullata.*

(2) *Il-kawża hija rrinvijata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.*

(3) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

(1) ĠU C 107, 26.4.2008.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Novembru 2009 — Michail vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-50/08 P)** (1)

***(Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Evalwazzjoni — Rapport tal-iżvilupp tal-karriera — Proċedura ta' evalwazzjoni 2004 — Obbligu ta' motivazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku)***

(2010/C 11/49)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellant:* Christos Michail (Brussell, Il-Belġju) (rappreżentant: C. Meïdanis, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni tal-Komuniatjiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u K. Herrmann, aġenti, assistiti minn E. Bourtzalas, avukat)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tieni Awla) tat-22 ta' Novembru 2007, Michail vs Il-Kummissjoni (F-34/06, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Christos Michail għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest ta' din l-istanza.*

(1) ĠU C 128, 24.05.2008

---